MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 410/2010/1

**A B maghruf bhala A C D**

**vs**

**E D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tat-18 ta' Gunju 2012 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 2014, il-konvenuta permezz tad-difensur taghha iddikjarat li m’ghandha l-ebda oggezzjoni xi tressaq ghar-rikors tal-attur.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta’ Marzu 1994, u minn dan iz-zwieg kellhom sebat itfal li ghadhom minorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta’ sentenza datata 26 ta’ Gunju 2014 izda ilhom separati *de facto* ghal iktar minn erba’ snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------